# HMS GLORIOUS L-ISTORJA.. IT-TRAĠEDJA (3)

RONALD BUGEJA

Fajl Indikat u reġistrat bin-numru M/05368/40 huwa il-kontenut fejn kienu moħbija ir-rapporti kollha kif ukoll provi validi fuq l-HMS Glorious u iż-żewġ bastimenti li għerqu fi traġedja waħda. Dan kien ġie s-siġillat għal mitt (100) sena u ma kellux jinfetaħ qabel ma jgħaddi dan iċ-ċentinarju fuq ordni ta' Winston Churchill u l-Parlament Ingliż. Fil-fatt fuq dan il-fajl insibu mmarkata s-sena 2041 is-sena li fiha kien permess li jinfetaħ. Illum nifhmu li l-pjan ta' Sur Churchill kien illi minn dak iż-żmien tal-għarqa tal-Glorious sa mitt sena wara, ħadd ma kien ser jibqa' ħaj u għalhekk ċertu nuqqasijiet u żbalji kontinwi kienu ser jibqgħu misturin.

Waħda min-noti kienet tħalliet mill-Kmandant Le Gegt li kien stazzjonat fuq il-bastiment H.M.S. Diana. Dan il-bastiment kien qiegħed jeskorta lill-H.M.S. Ark Royal. Huwa qal fin-nota tiegħu li għall-ħabta ta' 3:00Hrs kien qiegħed jintbagħat messaġġ minn fuq il-Glorious permezz tal-Leading Signalman Reading. Il-messagg kien jaqra hekk:-

"Request Permission to part company and proceed ahead to Scapa Flow to make preparations for impending courts martial".

Fiż-żmien il-gwerra din it-traġedja kienet intnessiet xi ftit biss skont ħafna minn nisa Maltin waħda minnhom il-bużnanna tiegħi Tereża baqgħu jistaqsu x'ġara minnhom, x'ġara mill-għeżież tagħhom! Fejn ftit li xejn ħadu risposta dwarhom. Wara li għadda ftit taż-żmien ġewwa l-Ingilterra, din it-traġedja reġgħet bdiet tissemma' mhux ħażin u il-poplu beda jistaqsi u riedu li Gvern jagħati tweġiba izda din ma waslet qatt. Waslet biss meta il-Qorti tal-Militar iddeċieda li *dan il-fajl għandu jinfetaħ* taħt sigurtà stretta u ftit minnies kellhom dritt li jaraw il-kontenut ta' ġewwa fih.



F 61 PG 78 l-inċident bejn Hms Glorious u SS Florida f'Gilbiltara

Dan ġara fit-12 ta' Mejju tal-1993.

L-*informazzjoni vera bdiet ħierġa fil-beraħ* sas-sena 1996 fejn hemm bdew ħerġin l-ewwel manuskritti u rapporti. Fatti li kienu nżammu sigrieti sabiex ċertu affarijiet *ma ħarġux fil-beraħ.* L-ewwel fatt kien jinvolvi lill-Kmandant John Heath. F'din l-intervista Heath kien qal illi qabel ma' l-H.M.S. Glorious salpat minn Scapa Flow, is-sitwazzjoni kienet waħda inkontrollabbli u li l-Kaptan tal-Glorious Guy D'Oyly Hughes ma kellu l-ebda ħjiel u esperjenza ta' kif taħdem is-Sistema ta' sigurtà lill-bas*timent mill-ajru!*

It-tieni kien ir-rapport li kien sar Robert McBride li kien baqa' ħaj mit-traġedja

u wara li kien qatta żmien il-gwerra bhala priġunier, kif spiċċat il-gwerra huwa mar jgħix ġewwa Victoria fl-Awstralja u lanqas il-familjari tiegħu ġewwa l-Ingliterra ma kienu jafu b'dan! Fil-fatt Robert kien mejjet għal familjari tiegħu iżda snin wara kien għamel kuntatt magħhom fejn għarrafhom li hu kien baqa' ħaj mill-għarqa tal-Glorious. Hu kien sqarr li kien intbagħat messaġġ minn fuq il-Glorious, xi ħaġa li l-awtoritajiet Inglizi kienu ċaħdu għal kollox. Robert McBride kien telegraphist u Air Gunner fuq il-Glorious. Hu dak il-ħin kien qiegħed fil-posta tiegħu u ra u sema dan il-messaġġ jintbagħat minn fuq il-Glorious. Il-messaġġ kien jgħid hekk:

2 PB (Pocket battleships) bearing 310 degrees 8 miles distance followed by the positions.

Il-messaġġ kien ċar u tond, u mhux kif kienu qalu l-awtorijiet dak iż-żmien. Il-Glorious qatt ma bagħat messaġġi li kienu jindikaw li kienu segwiti minn battlecruisers. Li ma kinux jafu l-Ingliżi kien li l-messaġġ kien ġie interċettat mill-Code Breakers Unit fil-Ġermanja u dan minħabba n-nuqqasijiet li l-Ingliżi kellhom fuq l-ordni ta' kif jidħlu l-messaġġi sigrieti bejn il-bastimenti u dan messaġġ kien gie interċettat.

L-uniku ħjiel li kellhom l-awtoritajiet Ingliżi kien is-sinjal li Harry Hinsley kien irnexxilu jinterċetta fuq il-pożizzjoni tal-bastimenti Ġermaniżi iżda l-awtoritajiet ħadd minnhom ma ta' kasu! L-Ingliżi saru jafu u ikkonfermaw dak li kien interċetta Harry propju wara l-għarqa u ġie żvelat mill-Ġermaniżi stess li l-messaġġ kien ġie interċettat u li dan qatt ma wasal fil-kwartieri Ingliżi ġewwa Navrik, Għalhekk dan wassal sabiex l-Ingliżi qatt ma kellhom rapport wieħed li juri li mill-Glorious intlemħu xi bastimenti resqin lejhom.

It-telegrafista tal-Glorious baqa' jibgħat il-messaġġi. L-uniku bastiment li kien viċin il-Glorious u li kien irċieva l-messaġġ kif ukoll li seta' jgħin f'din il-biċċa, kien il-bastiment H.M.S. Devonshire. Iżda dan beda jbaħħar fuq silenzju assolut u taħt ordni ta' Churchill innifsu u dan minħabba li kien qiegħed iġorr il-familja rjali, Parlamentari u familjari tagħhom u id-deheb kollu tan-Norveġija lejn l-Ingilterra. Għalhekk ma setax ibaħħar biċ-channels tar-radju miftuħin.



F 26 PG 53 Ir-RE Haakan VII ta' Norveġija flimkien ma' ibnu Princep Olan, dan ritratt ġie miġbut minn fuq Destroyer Hms Devonshire fl-istess ħin meta Hms Glorious ġiet Attakata

Rapport iehor li kien ukoll qed jikkonferma dan kollu kien gie miktub mit-telegrafista Trevor Jenkins li kien hu li rċieva l-messaġġ tal-Glorious Trevor kien jaf biżżejjed li l-HMS Glorious u iż-żewg bastimenti tagħha ma setgħat qatt tlaħħaq mal-qawwa *tal-bastimenti Ġermaniżi* u għalhekk iż-żewg battlecruisers kienu ser jgħerqu lill-Glorious, kif fil-fatt ġara.

Trevor ħalla postu u tela' biex jwassal il-messaġġ tiegħu lill-Kaptan James Cunningham u lil Midshipman David Corkhill iżda dawn l-ebda wieħed minnhom ma tah ħjiel li kienu sejrin jieħdu azzjoni u jdawwru r-rotta lejn il-Glorious. Trevor ma setax jemmen dak ilħin kif kienu jafu b'dan kollu u kienu se jħallu dan kollu jiġri mingħajr ma tittieħed azzjoni. Trevor Jenkins kien qal li qatt m'għandek tabbanduna lil xi ħadd fil-baħar meta kienu jafu li qegħdin jgħarrquh. Iżda hu ma seta' jagħmel xejn biex isalva lil dawk l-1,500 persuna li kienu abbord l-H.M.S. Glorious, l-H.M.S. Ardent u l-H.M.S. Acasta.

Iż-żewg battlecruisers Scharnhorst u Gneisenau kienu salpaw mill-port ta' Kiel fid-Danimarka u bdew ibaħħru fid-direzzjoni ta' Artic Circle Harry Hinsley kien qal fir-rapport tiegħu li movimenti ta' dawn il-battlecruisers kienet tidher waħda ta' min jagħti kasha minħabba l-fatt li dawn baqgħu sejrin b'rotta lejn Arctic Cirle, Meta kulħadd kien jaf fl-Ingliterra li din kienet il-linja minn fejn kellha tgħaddi l-flotta Ingliża bit-truppi lura min-Norveġja *lejn Scapa flow.*

Sakemm ġara dan kollu il-bastimenti Ġermaniżi kienu qegħdin javvanzaw b'ritmu mgħaġġel iżda l-messaġġ tal-intelligence analyst Hinsley gie injorat għal kollox.

Huwa kien ċert fuq rapport tiegħu fejn kiteb li iż-żewġ battlecruisers kienu fi triqithom lejn dik id-direzzjoni u fil-fatt fis-7 ta' Ġunju 1940, Scharnhorst u Gneisenau kienu diġa daħlu f'Arctic Circle. Sir Harry Hinsley ma setax jifhem kif l-awtoritajiet Ingliżi dak il-ħin lanqas biss indenjaw ruħhom jibagħtu messaġġ ta' alert lejn il-flotta u ma tawx kas ta' dak li hu kien intraċċa!



F 22 PG 52 Il-Katpan Commander Charles Glasfurd fuq Hms Acasta li miet ukoll f'traġedja tal-Hms Glorious kien l-aħħar bastiment li għereq f'din traġedja